MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tal-15 ta' Gunju, 2009

Numru. 575/2009

**Il-Pulizija**
**(Spettur Malcolm Bondim)**
**(Spettur Tony Cachia)**
**vs**

**Jonathon Bilocca ta' 25 sena, bin Joseph Bilocca u Lourdes xebba Mallia, imwieled Pieta nhar l-24 t' April 1984, residenti Murraya, Triq il-Labour, Naxxar, detentur tal-karta ta'l-identita' bin-numru 9219684(M)**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputat Jonathan Bilocca u cioe':

a) Talli nhar l-14 ta' Gunju 2009 ghall habta tas-2.15pm gewwa Triq Sciortino, Zebbug, Malta, attakka jew ghamel rezistenza bi vjolenza jew b'hebb, ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika kontra membri tal-Korp,

waqt li kienu qed jagixxu ghall-esekuzzjoni tal-Ligi jew ta' ordni moghti skond il-Ligi minn awtorita kompetenti;

b) Aktar tard fl-istess data, lok, hin u cirkustanzi, ingurja u hedded ufficjali tal-pulizija bhala persuni inkargati skond il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li kienu qed jaghmlu jew minhabba li kienu qed jaghmlu dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzaghhom jew jinfluwixxi fuqhom kontra l-ligi fl-ezekuzzjoni ta' dak is-servizz;

c) Aktar talli fl-istess data, hin u lok ma obdiex l-ordnijiet tal-pulizija;

d) Aktar tard kiser il-buon ordni u l-paci pubblika b'ghajjat u glied;

Rat id-dokumenti u l-atti kollha ta' dan il-procediment

Semghet l-ammissjoni maghmulha mill-imputat liema ammissjoni giet rijaffermata wara li l-imputat inghata zmien xieraq sabiex jirrikonsidra l-istess;

Ikkunsidrat;

Illi fid-dawl tal-ammissjoni mghamulha mill-imputat il-Qorti ma tistax hlief issib lill-imputat hati ta' l-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu;

Illi meta tigi sabiex tikkonsdra l-piena li ghandha tigi inflitta l-Qorti sejra tiehu in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija ta' l-imputat, il-fedina penali tieghu li ma hijiex ta' natura allarmanti u l-fatt illi l-imputat iddikjara li jiddispjacih ghall-akkadut u skuza ruhu ghall-incident.

Ghaldaqstant, l-Qorti, wara li rat l-artikoli 95, 96, 338(ee) u 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta issib lill-imputat hati ta' l-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu izda fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula u b'applikazzjoni ta' l-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti qed tillibera lill-imputat bil-kundizzjoni li

ma jikkommettix reat iehor fi zmien tmintax (18) il-xahar mill-lum.

Il-Qorti twissi lil hati bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk huwa jikkometti reat iehor matul il-perijodu operattiv ta’ dina is-sentenza.

Il-Qorti tordna li kopja ta’ din is-sentenza tintbghat lill-Avukat Generali skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------